# LIL SAN ĠUŻEPP

*Ta'* Joe Mejlak

Kont fqajjar Ġużeppi — iżd'umli u ħanin,
U ġejt magħżul Inti — b'Missier il-Bambin.

F'ħanut ċkejken, fqajjar — kont taħdem bla serħ
U b'Martek ma' ġenbek — Int kont tħoss kull ferħ

U b'Ibnek igħinek. — Min jaf Int x'kont tħoss
X'ħin Lilu Marija — ma' qalbha Hi tross?

X'ħassejt o Ġużeppi — x'ħin 'l Ibnek tliftuh
Tlaqt Inti u Marija — imnikkta tfittxuH.

Stagħġibtu x'ħin Lilu — rajtuH ma jridx jaf,
U jwieġbek bil-ħlewwa — "Inti ma kontx taf

Li waslet is-siegħa — li ngħallem lin-nies,
Ngħallimhom iħobbu — 'l Missieri bla qies!"

O Mqaddes Ġużeppi — ħarisna f'kull ħin,
Int itlob għalina — liċ-ċkejken Bambin

Sabiex lilna jbiegħ'd — mill-kruha tad-dnub
U mill-bnedmin kollha — ikun Hu maħbub.

---

## HIDMIET TA' MEMBRI AKKADEMIĊI.

**Il-Kav. Albert Cassola, Membru Akkademiku tal-"Għaqda" dan l-aħħar xandar fuq it-television serje ta' lezzjonijiet fuq it-tagħlim ta' l-ilsien Malti. Is-Sur Cassola, li hu surmast kompetenti, fisser bil-għaqal bis-sengħa u bil-ħeffa s-sisien tat-tagħlim ta' ilsienna tant li x-xandiriet tiegħu kienu mhux biss mil-qugħin bil-gost u bi profitt, imma wkoll imfaħħrin ħafna minn kull min rahom u semagħhom.**

---

**Mill-Kanada waslilna "folder", dwar ix-xandir li qiegħed isamma' il-membru korrispondent, is-Sur Ġorġ Bonavia, mill-Canadian Broadcasting Corporation. Is-Sur Bonavia jxandar kull ġimgħa s-suġġett "International Rendezvous" li jit-tratta dwar ċittadinanza, immigrazzjoni, informazzjoni fuq kummerċ, istruzzjoni, xogħol u servizzi soċjali, isemmi wkoll informazzjonijiet etniċi u tagħrif ieħor fuq ir-razez li stabbilew ruħhom fil-Kanada bl-użi u l-kostumi tagħhom, daqq u żfin, letteratura u arti; ilaqqa' wkoll "interviews" ma' persunaġġi Kanadiżi u bar-ranin. Milli jidher dawn ix-xandiriet ta' Bonavia jingħoġbu wisq u saru popolari fost is-semmiegħa ta' l-Amerika ta' Fuq.**